MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 75/2010

**APS Bank Ltd**

**Vs**

**Anthony Cassar u Bella Cassar**

Permezz ta’ din il-kawza s-socjeta attrici qeghda titlob li l-konvenuti jigu kundannati jhallsu s-somma ta’ **mija u sebgha u disghajn elf u mitejn u tnejn u sittin ewro u tmienja u disghajn centezmu (€197,262.98)**[1], bilanc ta’ self li nghata lill-konvenuti. Ir-rikors guramentat gie prezentat skond il-procedura sommarja specjali (Artikolu 167 tal-Kap. 12).

Jirrizulta li s-socjeta attrici kienet sellfet lilll-konvenuti s-somma ta’ mija u erbgha u sebghin elf sebgha mija u tlett ewro (€174,703) permezz ta’ kuntratt pubblikat fis-16 ta’

[1] Ara nota ta’ riduzzjoni prezentata fit-22 ta’ Ottubru 2010 (fol. 46).

Jannar 2007 fl-atti tan-nutar Dr Josette Spiteri Cauchi (fol. 29). Is-self kien inghata ghax-xiri ta' appartament numru 2 u garaxx numru 2, fil-blokk 54, Sea View Court, Triq il-Hamri, Ghajnsielem, Ghawdex. Wahda mill-kondizzjonijiet li mpona l-bank kienet li: *"… the loan facility is to be repaid by you from sale of flat* ***within three years from first withdrawal of funds.***"[2]. Ghalkemm ghaddew tlett snin minn meta l-konjugi Cassar inghataw il-flus, il-fond baqa' ma nbieghx u l-bank baqa' ma thallasx. Jirrizulta wkoll li l-konvenuti lanqas l-imghax ma kienu qeghdin ihallsu minkejja li s-sanction letter tipprovdi li *"debit interest is to be paid separately when due at half yearly rests in June and December of each year by the debit of your account number 11005310017."*. Il-kuntratt tas-self jipprovdi espressament li l-ksur ta' xi kondizzjoni twassal sabiex il-kapital u l-imghax ikun dovut minnufih. Ghalhekk m'hemmx dubju li s-socjeta attrici ghandha kull dritt li titlob il-hlas lura tas-self moghti lill-konvenuti.

Fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2010 Anthony Cassar xehed: *"Illum ma nafx x'inhu l-ammont ilil ghandi nhallas lill-Bank ghalkemm jiena naf li bejn wiehed u iehor hemm is-somma ta' mija u erbgha u tmenin elf ewro (€184,000). Naf illi din is-somma telghet minhabba xi imghaxijiet."* (fol. 19).

Fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2010 il-qorti laqghet it-talba tas-socjeta attrici biex il-kawza tinstema' bil-procedura kontemplata fl-Artikolu 167 tal-Kap. 12, wara li semghet lill-konvenut u lil Josianne Gauci (Manager fir-Recoveries Unit tas-socjeta attrici) bil-gurament.

Ghalkemm il-konvenuta ssostni li d-dejn tal-bank kellu jaghmel tajjeb ghalih zewgha skond kuntratt ta' separazzjoni tal-21 ta' Novembru 2009 fl-atti tan-nutar Dr Josette Spiteri Cauchi[3], jirrizulta li l-bank ma kienx parti

---

[2] Ara *sanction letter* mahruga fil-15 ta' Dicembru 2006 (fol. 24) li skond ma jinghad fil-kuntratt ta' mutwu, il-konjugi Cassar huma marbutin bil-kundizzjonijiet hemm stipulate.

[3] Fil-fatt fil-kuntratt jinghad li d-dejn mal-bank ser jaghmel tajjeb kollu ghalih il-konvenut "…. And undertakes to pay the half-yearly interests accruing thereon.".

ghal dan il-ftehim. Ghalhekk dan il-kuntratt hu *res inter alios acta* ghall-bank. Certament li jekk il-konvenuta tkun kostretta thallas xi parti mid-dejn ghandha dritt ta' rivalsa fil-konfront ta' zewg.

Mill-atti jirrizulta li t-talba tas-socjeta attrici hi gustifikata.

**Ghaldaqstant il-qorti qeghda tilqa' t-talba tas-socjeta attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsuha s-somma ta' mija u sebgha u disghajn elf mitejn u tnejn u sittin ewro u tmienja u disghajn centezmu (€197,262.98) bl-imghax b'sehh mill-1 ta' Lulju 2010 fuq il-kapital biss li jirrizulta mill-loan account numru 2000050636-1 (ara rendikont a fol. 5). Spejjez a karigu tal-konvenuti**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------